MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014
Citazzjoni Numru. 72/2014

**OMEGA BUNKER s.r.l.,** soċjeta estera reġistrata l-Italja; u b'Nota tat-28 ta' Jannar, 2014, Mario Berghini (Passaport Nru. YA5890443) assuma l-atti tal-kawża f'isem is-soċjeta rikorrenti

vs

Il-bastiment **M.V.B LADYBUG** (IMO9445394)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-28 ta' Jannar, 2014, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lill-bastiment imħarrek biex iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' miljun u sebgħa u ħamsin elf, mija u ħamsa u sittin dollaru Amerikan u sebgħa u disgħin ċenteżmi (USD1,057,165.97) li jġibu seba' mija w erbgħa u sebgħin elf mitejn u tlieta u ħamsin euro u sebgħa u sittin ċenteżmi (€774,253.67) rappreżentanti l-bilanċ ta' l-valur ta' forniment ta' *"Bunkers"* lill-bastiment imħarrek, flimkien ma' imgħaxijiet għad-dewmien fil-ħlas dwar l-imsemmija somma sal-10 ta' Jannar, 2014, u dan skond il-"*General Terms and Conditions of Sale"*;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-bastiment intimat li naqas li jidher meta ssejħet il-kawża, u hekk baqa' kontumaċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta attriċi;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tal-bastiment intimat tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta attrici** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-bastiment imħarrek biex iħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' seba' mija w erbgħa u sebgħin elf, mitejn u tlieta u ħamsin euro u sebgħa u sittin ċenteżmi (€774,253.67) rappreżentanti l-prezz ta' *"bunkers"* u mgħax għad-dewmien fil-ħlas kif fuq ingħad, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-11 ta' Jannar, 2014, sal-jum tal-ħlas effettiv.

3) **Tikkundanna** lill-bastiment imħarrek iħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------